EBA EUROPEAN BANKING AUTHORITY

eiopa European Insurance and Occupational Pensions Authority

ESMA European Securities and Markets Authority

MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY



# INVESTIMENTI, SELF, ASSIGURAZZJONI JEW PENSJONIJIET B'FOKUS SOSTENIBBLI:

## X'GĦANDEK TKUN TAF?

Permezz tal-għażliet li nagħmlu, ilkoll kemm aħna għandna rwol fit-tiswir tal-futur tagħna. Inti interessat/a li tikkontribwixxi għal futur aktar sostenibbli? Tgħallem aktar dwar kif l-għażliet finanzjarji tiegħek jistgħu jappoġġaw l-ambjent u s-soċjetà, u żomm f'moħħok ftit suġġerimenti!

### Kif tagħmel deċiżjonijiet finanzjarji b'mod sostenibbli?



Bħala konsumatur għandek l-għażla li tagħmel investiment, tieħu self, tikseb polza tal-assigurazzjoni jew tagħżel prodott tal-pensjoni li jiffinanzjaw kumpaniji jew proġetti li jaġixxu b'mod soċjalment responsabbli jew li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ambjent u t-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar sostenibbli.

Tista', pereżempju, tieħu deċiżjoni finanzjarja b'mod sostenibbli jekk tqiegħed flusek f'fond ta' investiment li jinvesti f'kumpaniji li jirriċiklaw l-iskart domestiku, jew fi proġetti li jippromwovu l-impjieg f'komunitajiet soċjalment żvantaġġati, jew jekk tieħu self biex tixtri dar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Fi kliem ieħor, inti ser tikkunsidra mhux biss il-flus involuti iżda wkoll il-karatteristiċi tal-Governanza Ambjentali, Soċjali u Korporattiva (ESG) tal-prodott finanzjarju.

### X'inhu prodott finanzjarju b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà?



Prodotti finanzjarji b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà qed jiġu offruti minn banek, maniġers tal-assi, assiguraturi, fondi tal-pensjonijiet jew kumpaniji finanzjarji oħra. Dawn jinkludu:

- **Self** li jappoġġa proġetti ambjentalment responsabbli, bħal self għall-finanzjament tax-xiri ta' vettura b'emissjonijiet żero, djar ambjentalment sostenibbli jew ir-rinnovazzjoni/it-titjib ta' dar biex issir aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija.
- **Investimenti f'ishma u f'bonds speċifiċi** maħruġa, pereżempju, minn kumpaniji b'emissjonijiet baxxi ħafna ta' $CO_2$ jew li juru prattiki responsabbli lejn l-impjegati tagħhom u l-komunitajiet li joperaw fihom.
- **Investimenti, pensjonijiet(1) jew poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja** bħal fondi ta' investiment, assigurazzjoni tal-ħajja u skemi tal-pensjoni li jagħmlu investimenti sostenibbli. Fond ta' investiment jista', pereżempju, jinvesti fl-ishma ta' kumpaniji li jiġġeneraw l-elettriku permezz tal-enerġija eolika, solari jew idroelettrika.

(1) F'din l-iskeda informattiva, "pensjonijiet" ma tkoprix l-iskemi tal-pensjonijiet tal-istat.

## X'inhuma l-benefiċċji tax-xiri ta' prodotti b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà?

**L-investimenti, l-iskemi tal-pensjoni u l-assigurazzjoni tal-ħajja b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà** jistgħu jgħinuk:

- Tikkontribwixxi għal ekonomija aktar sostenibbli billi tinvesti, pereżempju, f'bonds ekoloġiċi li jiffinanzjaw proġetti ta' enerġija rinnovabbli jew ta' effiċjenza fl-enerġija u li jinħarġu minn kumpanija jew gvern; jew billi tinvesti f'fondi u poloz tal-pensjoni jew tal-assigurazzjoni tal-ħajja li jinvestu f'kumpaniji li huma impenjati li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħhom, ikollhom attivitajiet ambjentalment sostenibbli elenkati fl-hekk imsejħa "tassonomija tal-UE", jew ikollhom prattiki tax-xogħol ġusti u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem;
- Taffi l-impatt ambjentali jew soċjali negattiv tal-kumpaniji b'mod aktar wiesa' billi tinvesti fil-pensjonijiet u fi prodotti oħra ta' investiment li jistgħu jinfluwenzaw il-mudell kummerċjali tal-kumpanija li jinvestu fiha, biex jagħmluh aktar ekoloġiku. Assiguratur jew maniġer tal-assi jista', pereżempju, jeżerċita d-drittijiet tal-vot tiegħu bħala l-azzjonist ta' kumpanija biex jirrikjedi li l-kumpanija tnaqqas l-emissjonijiet ta' $CO_2$ tagħha jew tindirizza l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri.

**Is-self** jista' jgħinek ittaffi u tadatta għat-tibdil fil-klima (eż. ittejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija tad-dar tiegħek jew taqleb għal sorsi ta' tisħin li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent). Dan jista' wkoll ikun ta' benefiċċju dirett għalik.



Tista', pereżempju, f'ċerti każijiet tikseb termini aħjar fuq is-self tiegħek jekk tixtri jew tibni proprjetà bi standards ta' prestazzjoni rikonoxxuti jew tirrinnova l-proprjetà eżistenti tiegħek biex ittejjeb l-effiċjenza enerġetika tagħha. Dan jista' saħansitra jħeġġek ittejjeb l-effiċjenza enerġetika ta' darek. Fuq medda twila ta' żmien, tista' tispiċċa tħallas kontijiet tal-utilità aktar baxxi bis-saħħa ta' konsum tal-enerġija aktar kosteffettiv. Dan jista' jirriżulta f'li jkollok aktar dħul disponibbli u tkun f'pożizzjoni finanzjarja aħjar biex tħallas lura s-self tiegħek.

## Fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà, għall-investimenti, il-pensjonijiet u prodotti tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja(2)?

Biex taċċessa informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà, tista' tagħmel dan li ġej:

- Aqra bir-reqqa l-informazzjoni pprovduta dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà. Din l-informazzjoni tista' tinstab bħala parti mill-informazzjoni dwar il-prodott fuq is-sit web tal-bejjiegħ, il-bank, il-maniġer tal-assi, l-assiguratur jew il-fond tal-pensjoni involut. Din l-informazzjoni tista' tgħinek tifhem l-aspetti speċifiċi tas-sostenibbiltà tal-prodotti li qed tikkunsidra u tqabbilhom b'mod aktar faċli.
- Jekk ikun hemm bżonn, qabel tiddeċiedi li tagħmel kwalunkwe investiment ikkuntattja lil ditta jew persuna li tista' tagħtik pariri dwar u tbigħlek tali prodotti – fil-bank tiegħek, is-sensar tiegħek, l-aġenzija tal-assigurazzjoni tiegħek eċċ. F'xi każijiet, il-bejjiegħ huwa meħtieġ bil-liġi li jipprovdilek l-informazzjoni neċessarja dwar l-investimenti u l-poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja u l-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tagħhom. Għandhom jirrakkomandawlek ukoll prodott mill-offerta tagħhom li jaqbel mal-preferenzi tiegħek ta' investiment u sostenibbiltà.

## Kif tista' l-assigurazzjoni tgħinek tkun aktar reżiljenti kontra d-diżastri naturali kkawżati mit-tibdil fil-klima?

L-assigurazzjoni tipprovdi protezzjoni finanzjarja kontra t-telf ekonomiku kkawżat minn diżastri naturali. Barra minn hekk, l-assigurazzjoni tinċentiva l-adattament għar-riskju tat-tibdil fil-klima. B'diżastri naturali li qed iseħħu aktar ta' spiss, hemm xi tipi ta' poloz tal-assigurazzjoni tad-dar li jistgħu joffrulek kundizzjonijiet aħjar jekk tkun ħadt, jew se tieħu, miżuri biex tipproteġi l-proprjetà tiegħek kontra avvenimenti klimatiċi, bħall-għargħar.

(2) Hemm xi informazzjoni obbligatorja speċifika għall-konsumaturi li japplikaw għal dawk il-prodotti.

# SUĠĠERIMENTI EWLENIN LI GĦANDEK IŻŻOMM F'MOĦĦOK QABEL MA TAGĦŻEL PRODOTTI FINANZJARJI B'KARATTERISTIĊI TA' SOSTENIBBILTÀ

## 1



**Iddeċiedi kemm hija importanti għalik is-sostenibbiltà u liema għanijiet finanzjarji tixtieq tikseb qabel ma tagħżel prodott:**

Qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni finanzjarja, identifika liema kwistjonijiet ta' governanza ambjentali, soċjetali jew korporattiva huma importanti għalik u l-għanijiet ta' sostenibbiltà li tixtieq tikseb. Imbagħad qabbel il-prodotti finanzjarji mal-karatteristiċi ta' sostenibbiltà u agħżel dak li jissodisfa bl-aħjar mod kemm l-għanijiet finanzjarji (ir-redditu mistenni, ir-riskji u l-ispejjeż) tiegħek kif ukoll dawk ta' sostenibbiltà.

## 2



**Sabiex tevita li tiġi żgwidat minn "greenwashing", oqgħod attent għall-kundizzjonijiet u l-karatteristiċi ta' sostenibbiltà:**

Minkejja l-obbligu tal-kumpaniji li jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni ġusta u ċara, jista' jkun hemm prodotti fis-suq li jippretendu li jkunu aktar sostenibbli milli huma.

Toqgħodx biss fuq l-isem tal-prodott. Il-fatt li l-isem tal-prodott jinkludi kliem bħal "ekoloġiku" jew "sostenibbli" ma jiggarantix li huwa sostenibbli. Evita li tiġi żgwidat minn informazzjoni mhux korretta billi tħares bir-reqqa lejn l-informazzjoni tal-prodott dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà u billi tqabbel dawk il-karatteristiċi.

## 3



**Żomm f'moħħok li l-prodotti finanzjarji b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà mhumiex ħielsa mir-riskju:**

Il-prodotti finanzjarji b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà għandhom riskji finanzjarji bħal kwalunkwe tip ieħor ta' prodotti finanzjarji. Żomm f'moħħok li prodotti bħal dawn mhux neċessarjament joffru termini aħjar minn dawk tradizzjonali (eż. rati ta' interessi aktar baxxi għal self, miżati aktar baxxi, eċċ.).

Hemm x'għandek tagħmel u x'ma għandekx tagħmel u suġġerimenti ewlenin bażiċi li dejjem għandek tikkunsidra qabel ma tqiegħed flusek f'investiment u meta tagħmel polza tal-assigurazzjoni, pensjoni jew tieħu self.

## 4



**Għall-investimenti u l-poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja, ħu l-ħin tiegħek biex tiddeċiedi u, jekk hemm bżonn, fittex kjarifika ulterjuri mid-ditta jew mill-persuna li tista' tagħtik pariri dwar u tbigħlek dawn il-prodotti.**

Ħu l-ħin tiegħek qabel ma tieħu deċiżjoni. Jekk xi ħaġa ma tkunx ċara, jew ma tifhimhiex, itlob aktar informazzjoni. Ftakar li l-bank, is-sensar, l-aġent tal-assigurazzjoni jew ditta awtorizzata oħra għandhom jitolbuk dwar il-preferenzi ta' sostenibbiltà tiegħek u jagħtuk informazzjoni rilevanti b'mod sempliċi u ċar.

Jaf tkun tixtieq tistaqsi l-mistoqsijiet li ġejjin:

- X'inhuma d-differenzi bejn prodott b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà u prodott mingħajr karatteristiċi ta' sostenibbiltà?
- X'opzjonijiet għandi biex ninvesti b'mod sostenibbli?
- Il-polza ta' assigurazzjoni tal-investiment/tal-ħajja proposta taqbel mal-preferenzi ta' sostenibbiltà tiegħi?
- X'inhuma l-affarijiet l-oħra li għandi nikkunsidra meta ninvesti jew nagħżel polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja?

© EBA, EIOPA, ESMA, 2023 | Illustrations © Kate3155- stock.adobe.com
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
ISBN 978-92-9245-926-0 doi:10.2853/570156 DZ-06-23-006-MT-N